Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tal-407 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar
l-Erbgħa, 28 ta' Novembru, 2012**

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

**<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>**

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sinjuri Joseph Bonnici, Robert Buhagiar, Keith Pisani, Joseph Buttigieg u Anna Calleja.

Is-Sur Kevin Plumpton u s-Sur Mark Grech kienu skużati.

**<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Il-minuti tal-406 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

**<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>**

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva xi nformazzjoni ġdida mil-GAL dwar Triq Ħas-Sajjied. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv.

Is-Sur Keith Pisani issuġġerixxa li l-Kunsill jikteb ittra lill-Ministeru għar-Risorsi u Infrastruttura u jistaqsi fhiex kienet waslet din l-applikazzjoni .

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li kien kellem lis-Sur Silvio Frendo, Assistent Direttur fid-Dipartiment għal-Gvern Lokali u staqsih jekk wara li ġiet emendata l-liġi l-Kunsill setgħax jagħti għajnuna lill-iskejjel jew kulleġġi tal-Gvern bħal ma huma kotba etċ. Is-Sur Frendo informa s-Segretarju li donazzjoni ta' dan it-tip kienet illegali.

Is-Sur Joe Bonnici staqsa jekk kienetx intbgħatet l-ittra lill-amministraturi tal-flats dwar laqgħa li kellha issir mal-Perit William Lewis fis-7 ta' Diċembru, 2012 sabiex jiġi diskuss ix-xogħolijiet li saru fil-Blokki tal-Qasam tad-Djar.

**Item 4 - Minuti tas-Sotto Kumitat**

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

**Item 5 – Korrispondenza**

Inqara abbozz ta' ittra li ser tintbgħat lir-residenti li joqgħodu fiż-żona tal-Qasam tad-Djar u ta' Buleben iż-Zgħir dwar il-proġett ta' post ta' rikreazzjoni li qed jiġi propost mill-Kunsill Lokali għal din iż-żona. Din il-laqgħa ser issir nhar il-Erbgħa 12 ta' Diċembru fis-6.30 ta' filgħaxija.

Inqrat Memo 49/2012 mibgħuta mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali dwar Skema dwar Inizjattivi Sportivi 2013.

Inqrat korrispondenza mibgħuta lill-Kunsill mis-Sinjura Isabelle Testaferrata de Noto dwar l-Ingagg ta' Skrivan/a Skala 15 fejn talbet il-Kunsill jieħu deċiżjoni dwar jekk din is-sejħa hux ser terġa tinħareġ mill-ġdid peress illi membru tal-bord kien assenti għal uħud mill-intervisti minħabba ċirkustanzi ta' xogħol minħabba li membru ieħor tal-bord talab li jkun skużat għal intervista peress li wieħed mill-applikanti inzerta n-neputi tiegħu. Matul dan il-proċess is-Sinjura Testaferrata de Noto kienet tokkupa l-Kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv fl-assenza tas-Segretarju Eżekuttiv li kien indispost.

Is-Sinjura Anna Calleja ipproponiet sabiex il-Kunsill jitlob linja gwida mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar dan il-każ. Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda din il-proposta u l-Kunsill qabel b'ħames voti favur u żewġ voti kontra li l-Kunsill jitlob parir tad-Dipartiment biex jiġi assigurat li l-proċess ikun trasparenti u skond il-proċeduri.

Is-Sur Keith Pisani issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob għal risposta bikrija mid-Dipartiment għal Gvern Lokali biex hekk kif il-Kunsill jirċievi risposta tissejjaħ laqgħa biex jinħatar il-Bord tal-Għażla.

Is-Sindku qal li minħabba raġunijiet ta' xogħol ma jistax iservi f'dan il-bord peress illi mhux dejjem ikun possibli li jattendi għall-intervisti.

Is-Sur John Pace ippropona illi jinħatar bord ġdid u l-applikanti li ġew intervistati jerġaw jiġu intervistati mill-ġdid. Is-Sur Robert Buhagiar issekonda l-proposta iżda l-Kunsill b'ħames voti kontra u żewġ voti favur ma qabilx ma din il-proposta.

Inqrat korrispondenza mibgħuta lill-Kunsill minn Transport Malta dwar użu ħażin ta' *parking bay* minn persuna f' Misraħ San Ġakbu.

Is-Sur Keith Pisani talab sabiex il-Kunsill jindaga dwar jekk din il-*parking bay* hiex skont ir-regolamenti u l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

Is-Sur Robert Buhagiar qal li l-*parking bay* li hemm f'dan il-post hija akbar mill-wisa'normali ta' *parking bay* u peress illi dan hu każ ta' nfurzar l-ilment li sar lill-Transport Malta għandu jiġi mgħoddi lill-Pulizija. Is-Sur Joe Bonnici issekonda lis-Sur

Robert Buhagiar u ssuġġerixxa li jekk hemm biżżejjed spazju isiru żewġ parking bays minflok il-waħda li hemm bħalissa.

**Item 6 – Xogħol tal-Kunsill**

Inqraw il-Minuti tat-32 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's. Fuq proposta tas-Sur Keith Pisani li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament dawn il-minuti.

**Approvazzjoni ta' Finanzi**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda ta' ħlasijiet għall-perjodu ta' bejn il-21 ta' Novembru, 2012 u t-28 ta' Novembru, 2012 li kienet tammonta għal €5,978.39. Din ġiet approvata unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joe Bonnici.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Novembru 2012 li kien jammonta għal €109.69.

**Mozzjoni dwar trasferimenti ta' voti għall-Estimi Annwali 2012.**

Inqrat mozzjoni proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku dwar it-trasferimenti ta' fondi fil-voti tal-Estimi Annwali għas-sena 2012. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta u li jsiru t-trasferimenti kif ġej :

1. L-ammont ta' €10,000 jiġi trasferit mill-vot 1200 'Pagi tal-Impjegati' għall-vot 7200 'Titjib'

2. Mill-vot 1700 'Sahra' jiġi trasferit l-ammont ta' €3,000 li minnhom €2,000 jiżdiedu mal-vot 7200 'Titjib' u €1,000 imur fil-vot 7100 'Bini'

3. L-ammont ta' €1,500 jitnaqqas mill-vot 2700 'Trasport' u din is-somma tiġi allokata fil-vot 3600 'Gwardjani Lokali'.

4. Mill-vot 3200 'Taħriġ' jitnaqqas l-ammont ta' €500 biex dan jiżdied mal-vot 3600 'Gwardjani Lokali' filwaqt illi €500 oħra imorru fil-vot 3700 'Ospitalità'. B'hekk mill-vot 3200 'Taħriġ' jitnaqqas l-ammont totali ta' €1,000.

5. Mill-vot 2300 'Tiswijiet u Manutenzjoni' jitnaqqas l-ammont ta' €4,500 biex dan l-ammont jiżdied mal-vot 3700 'Ospitalità'.

6. Mal-vot 7500 'Proġetti Speċjali' tiżdied is-somma ta' €100,000 biex b'hekk l-ammont totali ta' nfiq għas-sena 2012 issa jkun jammonta għal €956,341.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jiġi eżentat milli jħalli l-percentaġġ ta' ħamsa fil-mija mill-allokazzjoni fil-budget ta' din is-

sena.  Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta u l-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

**L-operat finanzjaru u amministrattiv tal-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kif kien ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti kien bgħat l-ittra ta' terminazzjoni ta' mpjieg minn mal-Kunsill Lokali lill-Uffiċjal Eżekuttiv is-Sinjura Alison Agius.

**Rapport dwar l-ingaġġ ta' Uffiċjal Prinċipal Amministrattiv**

Is-Segretarju ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mil-Bord tal-Intervisti għar-reklutaġġ tal-Uffiċjal Prinċipal Amministrattiv.  Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu s-Sur Charlot Ebejer hu l-aktar kandidat addattat għal din il-kariga.  Is-Segretarju informa l-Kunsill li dan ir-rapport ma kienx ġie iffirmat minn wieħed mill-membri tal-Bord.

Inqrat ukoll ittra mis-Sur Robert Buhagiar li fiha ta r-raġunijiet għaliex ma ffirmax ir-rapport tal-Bord tal-Għażla.

Is-Sindku ippropona l-Kunsill jiltaqa mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex ikun jista jiddiskuti u jerġa jitlob parir fuq dan il-każ. Il-Viċi Sindku issekonda il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li tintalab laqgħa mad-Direttur.

Is-Segretarju informa lill-Kunsill illi l-kuntratt għall-pubblikazzjoni Citta' Ħompesch kien ser jagħlaq u l-Kunsill ried jiddeċiedi jekk iġeddidx jew le dan il-kuntratt għal sena oħra.

Fuq proposta tas-Sur Keith Pisani li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-kuntratt għall-pubblikazzjoni tal-*magazine* Citta' Ħompesch (ZLC 7/2011) għal sena addizzjonali.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt għaż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi kien ser jiskadi u l-Kunsill kien ried jiddeċiedi jekk iġeddidx jew le dan il-kuntratt.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Robert Buhagiar il-Kunsill qabel unanimament li jerġa joħroġ sejħa għal-offerti għaż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi

**Performance Bonus Appraisal tal-Impjegati**

Il-Kunsill ressaq quddiem il-Kunsill il-*Performance Bonus Appraisal* ta' l-impjegati tal-Kunsill għall-perjodu 1 ta' Jannar 2012 – 31 ta' Diċembru 2012.  Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li l-impjegati kollha jingħataw il-massimu tal-*performance bonus* (6%).

Il-Kunsill ressaq quddiem il-Kunsill il-*Performance Bonus Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv għall-perjodu 1 ta' Jannar 2012 – 31 ta' Diċembru 2012. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata il-massimu tal-*performance bonus* (10%).

Il-Kunsill ressaq quddiem il-Kunsill il-*Performance Bonus Appraisal* tad-Deputat Segretarju għall-perjodu 2 ta' Lulju 2012 – 9 ta' Novembru 2012. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Keith Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li d-Deputat Segretarju jingħata il-massimu tal-*performance bonus* (10%).

**Affarijiet Oħra**

Is-Sur Buhagiar talab il-Kunsill sabiex jiċċekkja *loading/unloading bay* li hemm fi Triq id-Dukkar.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex il-Kunsill japplika għal-permess sabiex fi Triq l-Iskola u fi Triq Tumas Dingli issir *flower bed* fuq il-bankina mal-ħajt tal-iskola sabiex ma jibqax jintrema skart fuq il-bankina.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex issir talba lill-Transport Malta sabiex jiġu approvati li jsiru *parking bays* fi Triq Santa Marija ma Triq Salvu Astarita.

Il-Viċi Sindku talab sabiex titwaħħal tabella li tindika li fi Triq l-Immakulata Kunċizzjoni il-karozzi jipparkjaw bl-*exhaust pipe* il-barra mill-bankina.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex t-tappiera li hemm fi Triq San Ġużepp ma Triq in-Nissieġ jew tinbidel jew jirranġaw il-bażi tagħha peress illi minkejja li din ġiet irranġata iktar minn darba xorta waħda għada qed tħabbat.

Is-Sur Buttigieg informa lill-Kunsill li anke it-tappiera quddiem 21 Triq Hompesch minkejja li ġiet irranġata xorta waħda qed tħabbat.

Is-Sur Buttigieg informa lil Kunsill illi meta tagħmel ħafna xita fi Triq San Ġużepp fejn iċ-ċumnija tad-drenaġġ qed iżomm l-ilma.

Is-Sur Buttigieg talab lill-Kunsill sabiex kif ikun qed jagħmel studju dwar is-sistema ta' *one ways* fi Triq iċ-Ċulqana u t-toroq tal-madwar isir studju ukoll sabiex Triq Agius Muscat issir *one way*.

Is-Sur Buttigieg staqsa meta kienu ser jibdew il-korsijiet tal-*Computer*.

Is-Sur Buhagiar qal illi l-Kunsill kien ħareg is-sejħa pubblika għall-kwotazzjonijiet tal-korsijiet u li dawn ser isiru wara li tingħalaq is-sejħa.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex issir rampa fit-tarf tal-bankina f'Misraħ San Ġakbu peress illi kien qed isir parkeġġ ħażin u persuni b'diżabilita ma kienx qed ikollhom aċċess minn din il-parti tat-triq.

Is-Sinjura Calleja talbet sabiex issir patching fi Triq l-10 ta' Settembru / Triq iż-Żejtun peress illi mimlija ħofor.

Is-Sur Bonnici informa l-Kunsill illi l-*culverts* fi Triq l-10 ta' Settembru ġew imqabbda mal-main u b'hekk għandha tonqos il-problema tal-għargħar ta' l-ilma tax-xita.

Is-Sinjura Calleja talbet sabiex tiġi irranġata rampa perikoluża li hemm fi Triq il-Qalb Imqaddsa ma Triq Lia.

Is-Sinjura Calleja infurmat il-Kunsill illi fi Triq Alessio Erardi hemm siġra tal-ħarrub ħierġa minn propjeta privata u li qed tingombra l-bankina. Is-Sinjura Calleja qalet ukoll illi s-siġra tat-tin li hemm ħierġa minn ġnien privat mir-residenza numru 37 fi Triq Felice għada ma nqgħatatx.

Fl-10.00 ta' filgħaxija s-Sur Keith Pisani u is-Sur Robert Buhagiar talbu li jkunu skużati.

Is-Sinjura Calleja talbet sabiex jiġu irranġati trinek li hemm fi Triq Santa Domenica.

Is-Sinjura Calleja staqsiet jekk fil-bandli tal-Kunsill għadx hemm is-servizz ta' Wi-FI. Is-Segretarju wieġeb fil-pożittiv.

Is-Sinjura Calleja issuġġeriet li jsir tiżjin tal-Milied fi Triq is-Santwarju.

Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill illi kienu avviċinawh il-każini flimkien ma sidien tal-ħwienet u nfurmawh li l-istima għat-tiżjin fi Triq is-Santwarju hi ta' madwar €10, 000.

Is-Sur Bonnici ppropona li tiżżejjen is-siġra li hemm fil-Qasam tad-Djar viċinanzi tal-ħwienet. Is-Sindku issekonda lis-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien ġie ssuġġerit mill Kumpanija ELC sabiex isir dawl fir-*roundabout* ta' Triq San Leonardu u ħdejn il-Monument tal-Gwerra.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lill-Transport Malta biex jistaqsi dwar meta kienu ser jiġu rranġati l-bankina kif ukoll ineħħu l-biċċa konkos li hemm fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

Is-Sur Bonnici informa lill-Kunsill illi fil-5 ta' Diċembru, 2012 kien ser ikun hemm seduta il-MEPA dwar il-funderija *Hompesch Steel.*

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex isiru *parking bays* fi Triq iċ-Ċikas peress illi qed isir ipparkjar bl-addoċċ.

Is-Sur Bonnici talab sabiex tiġi irranġata tappiera perikoluża li hemm fi Triq iċ-Ċawsli.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex terġa tiġi irranġata ħofra li hemm quddiem ir-residenza numru 5 fi Triq Hompesch peress illi din reġgħet inqgħalet. Is-Sur Buttigieg talab sabiex issir pressjoni mad-Dipartiment għal-Gvern Lokali sabiex jibgħatu iktar ħaddiema tal-IPSL.

Il-Viċi Sindku issuġerixxa li l-Kunsill jixtri l-aħħar rumanzi li kiteb Dr Carmel Mallia. Is-Sindku issekonda din il-proposta u l-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw dawn il-kotba.

Is-Sur Pace talab sabiex tibqa ssir aktar pressjoni ma Transport Malta biex tingħata l-approvazzjoni għal-traffic lights fi Triq Hompesch ma Triq il-Kbira.

Is-Sur Pace talab li l-*lift* fil-bini tal-Kunsill jerġa jibda jitħaddem fi żmien qasir.

Is-Sindku talab sabiex issir laqgħa ma Transport Malta peress illi l-ilma tax-xita minn Triq San Ġużepp qed imur kollu fi Triq in-Nissieġ u konsegwenza ta' dan qed jidħol fil-btieħi tan-nies mill-katusa tal-*overflow*.

Is-Sur Bonnici talab sabiex jiġi nfurmat il-Perit tal-Kunsill dwar problema tal-ilma tax-xita fi Triq in-Nissieġ bil-għan li tinstab soluzjoni għal din il-problema.

Il-laqgħa spiċċat fl-10.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Ezekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-408 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 26 ta' Dicembru, 2012.

Domenic Agius
Sindku